

32004R1437

12.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 265/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1437/2004**tal-11 ta' Awwissu 2004**

li jissupplementa l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 relattiv għar-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-“Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' l-Orìgini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti” (“Valençay”, “Scottish Farmed Salmon”, “Ternera de Extremadura” u “Aceite de Mallorca” jew “Aceite mallorquín” jew “Oli de Mallorca” jew “Oli mallorquí”)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992, relattiv għall-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki u tad-Denominazzjonijiet ta' l-Orìgini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) ta' dan;

Billi:

- (1) F'konformità ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Franza għaddiet lill-Kummissjoni talba ta' reġistrazzjoni bħala Denominazzjoni ta' l-Orìgini għad-Denominazzjoni “Valençay”, ir-Renju Unit għadda lill-Kummissjoni talba għar-reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika għad-denominazzjoni “Scottish Farmed Salmon”, u Spanja għaddiet lill-Kummissjoni talba ta' reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika għad-denominazzjoni “Ternera de Extremadura” u talba ta' reġistrazzjoni bħala Denominazzjoni ta' l-Orìgini għad-denominazzjoni “Aceite de Mallorca” jew “Aceite mallorquín” jew “Oli de Mallorca” jew “Oli mallorquí”.
- (2) Ġie ċertifikat, f'konformità ma' l-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmi Regolament, li dawn huma konformi ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari li huma għandhom l-elementi kollha stipulati mill-Artikolu 4 ta' dan.
- (3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ma ġiet mgħoddija lill-Kummissjoni wara l-

¹ ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1215/2004 (ĠU L 232, 1.7.2004, p. 21).

pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*² tad-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

- (4) Għalhekk, dawn id-denominazzjonijiet jistħoqqilhom li jitniżżlu fir-“Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' l-Orìgini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” u għalhekk li jkunu protetti fil-pjan komunitarju bħala Denominazzjoni ta' l-Orìgini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.
- (5) L-Anness mar-Regolament preżenti jissupplementa l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96³.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 hu supplementat mid-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness tar-Regolament preżenti u dawn id-denominazzjonijiet huma mniżżla bħala Denominazzjoni ta' l-Orìgini protetta (AOP) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), fir-“Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' l-Orìgini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” stipulat mill-Artikolu 6 Paragrafu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fit-totalità kollha tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

² ĠU C 236, 2.10.2003, p. 27 (Valençay).

ĠU C 246, 14.10.2003, p. 4 (Scottish Farmed Salmon).

ĠU C 246, 14.10.2003, p. 10 (Ternera de Extremadura).

ĠU C 246, 14.10.2003, p. 15 (Aceite de Mallorca jew Aceite mallorquin jew Oli de Mallorca jew Oli mallorqui).

³ ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1258/2004 (ĠU L 239, 9.7.2004, p. 5).

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Awwissu.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX**PRODOTTI TA' L-ANNEX I TAT-TRATTAT DESTINATI GĦALL-IKEL UMAN****Ġobon**

FRANZA
Valençay (AOP)

Ħut, molluski, krustaċġi friski u prodotti a bażi ta'

RENJU UNIT
Scottish Farmed Salmon (IĠP)

Laħam (u interjuri) friski

SPANJA
Ternera de Extremadura (IĠP)

Materji grassi, (butir, marġerina, żjut eċċ)

SPANJA
Aceite de Mallorca jew Aceite mallorquí jew Oli de Mallorca jew Oli mallorquí
(AOP)